IL-FUNDATURI TAL-PARTIT TAL-ĦADDIEMA (2)

# F'GĦELUQ IL-100 SENA MIT-TWAQQIF TAL-CAMERA DEL LAVORO



ROBERT ALOISIO

Nhar il-15 ta' Ottubru 1920, tnax-il raġel iltaqgħu fil-ħanut ta' Antonio Schembri fi Triq San Ġwann il-Belt u minn hemm irħewlha lejn id-dar tan-Nutar Pawlu Carbonaro fi Triq it-Teżorerija, Pjazza Reġina. Hemm għamlu ftehim li kull wieħed minnhom kellu joħroġ 25 lira sterlina fix-xahar biex iwaqqfu każin pubbliku msejjaħ Camera del Lavoro (Il-Kamra tax-Xogħol). Il-ħlas kellu jsir bħala garanzija għas-self ta' 300 sterlina li ħadu Mikielanġ Borg, Antonio Schembri u Robert Bencini għat-twaqqif tal-Partit u l-każin tiegħu.

Is-somma ta' 300 sterlina ħarġithom omm it-tewmin Bencini, is-Sinjura Carmela mwielda Micallef Grimaud. Kif jinnota Francis Galea fil-ktieb tiegħu "L-Istorja tal-Partit Laburista (1920-1940), dawn ma kinux ftit flus. Dak iż-żmien b'erbgħin lira fis-sena riedet tgħix familja ta' mill-inqas erbgħa min-nies, u ħafna mill-fundaturi kienu rġiel miżżewġa bil-familja tagħhom.

## Tnax-il Raġel

Fil-ktieb, L-Istorja tal-Partit tal-Ħaddiema (1931), Ġużè Bonnici jikteb hekk: "Ixxnigħa li aħna x'aktarx se jkollna l-Parlament tagħna bdiet tiġri ma' Malta kollha u ħajret lil tnax-il membru ta' Workers' Union Branch Number 3 li jagħmlu għaqda bejn il-ħaddiema kollha tal-Gżejjer Maltin biex ikunu qawwija biżżejjed ħalli jibagħtu xi deputati fil-Parlament il-ġdid u juru x'inhuma x-xewqat u r-rieda tal-kotra Maltija. It-Tnax il-membru li waqqfu l-Camera del Lavoro kienu:

Anton Agius, stampatur; Guliermu Arena, ġurnalist; Ġanni Bencini, kunsillier; Robert Bencini, benestant; Carmelo Bonello, ħajjat; Gejtanu Bonello, skrivan; Mikiel Borg, negozjant; Mikielanġ Borg, editur; Agostino Matrenza, arġentier; Anton Schembri, inċiżur; Ġjacintu Tua, Prokuratur Legali; u Salvu Zammit Hammet, elettriċista."

Kuraġġużi u Ġenerużi

Nissuktaw nagħtu ħarsa ħafifa lejn dawn it-tnax-il raġel kuraġġużi u ġenerużi. Ħafna mit-tagħrif li se nagħti ħadtu mill-ktieb Il-Fundaturi tal-Partit tal-Ħaddiema (1984) ta' Ġeraldu Azzopardi u mill-kotba ta' Francis Galea Mexxejja, Ħassieba u Deputati Laburisti (2000) u L-Istorja tal-Partit Laburista (2017).

## Carmelo Bonello - Ħajjat (Valletta, 1872 – 1936)

Karmenu kien ħajjat tajjeb u kien jinteressa ruħu ħafna fil-kundizzjonijiet soċjali ta' sħabu l-ħajjata u kien attiv fl-għaqda tagħhom. Ħafna mill-ħwienet tas-snajja' bħal tal-ħajjata, parrukkiera u skrapan kienu bejtiet ta' propaganda politika. Bonello sab ruħu jaħdem fil-kundizzjonijiet ta' faqar li ġew wara li spiċċat l-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien attiv ħafna fil-Partit u kien ħabib ta' Mikielanġ Borg.





## Gejtanu Bonello - Skrivan - (Valletta, 1873 – Settembru 1934)

Gejtanu wara li studja l-Liċeo daħal fil-Pulizija u sar Surġent. Fl-eżami għal Spettur ġie l-ewwel imma għażlu lil ħaddieħor minfloku, u għalhekk ħareġ mill-Korp u daħal skrivan man-NAAFI, xogħol li kemm-il darba ħadu t-Turkija u l-Eġittu. F'żgħożitu kien jappoġġja lil Sigismondo Savona li kien riformista u kien jikteb fil-ġurnal tiegħu ukoll.

Bonello kien ħabib sew tal-inċiżur Anton Schembri u Mikielanġ Borg u kienu dawn li ħajruh jagħti sehmu fit-twaqqif tal-Partit. Azzopardi jgħid li Bonello kien "raġel kwiet, sod u determinat fi twemminu u metikoluż f'ħidmietu, jieqaf għal jeddijietu u jaqbeż għal sħabu." Miet ta' 61 sena wara marda qasira.

## Mikiel Borg - Neguzjant - (Furjana, 1878 – 1936)

Mikiel jew Michel Borg kien bin-negozju u kien wieħed mit-tnax li fl-ewwel elezzjoni li saret, dik tal-1921, kien ħareġ kandidat f'isem il-Partit Laburista u tela mit-tielet distrett. Iżda, wara inqas minn sena fil-Parlament "bla kliem u bla sliem, bla ebda raġuni jew skuża, mar ingħaqad mal-Partit ta' Nerik Mizzi".

## Mikielanġ Borg - Editur - (Valletta, 29 ta' Settembru 1868 – 27 ta' Awwissu 1939)

Bin Pawlu u Annetta mwielda Trapani, Mikielanġ studja l-Liċeo u kien rappreżentant tal-istudenti fid-dimostrazzjonijiet tal-1880 u l-1884. Ħadem ta' spettur sanitarju u wara fetaħ stamperija. L-imħabba lejn il-klassi tal-ħaddiema ressqitu biex ikunu wieħed mill-fundaturi ewlenin tal-Partit Laburista li tiegħu sar membru fl-Eżekuttiv.

Borg inħatar f'kummissjoni ta' ħamsa min-nies biex jitħejja l-ewwel Statut tal-Partit u l-ewwel programm elettorali. Ħareġ fuq l-ewwel distrett fl-1921 imma ma telax. Fl-1927, inħatar Senatur f'isem it-Trade Union Council u kien l-ewwel senatur li tkellem bil-Malti. Reġa' sar Senatur fl-1932.

Kien aġent-impreżarju tat-Teatru Rjal u kien ħassieb politiku, ġurnalist u drammaturgu li uża l-palk biex jgħallem lil poplu illitterat. Fl-1892, waqqaf il-kumpanija teatrali Indipendenza u

dam direttur tagħha 36 sena. Fl-1906 sar editur tal-ġurnal "Il-Ġaħan" li dam jistampah 20 sena fl-istamperija żgħira tiegħu. Kien weħel tlett ijiem ħabs għax ma riedx jikxef l-awtur ta' artiklu fil-ġurnal tiegħu.

### Agostino Matrenza - Arġentier - (1875-1925)

Matrenza kien ħaddiem tajjeb fis-sengħa tal-filugranu u bħala arġentier tant kien irnexxa li fl-1911 kien intgħażel biex jitla' Londra f'wirja li kienet saret fl-okkażjon tal-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V fejn l-artiġġjanat tiegħu ġie mfaħħar mill-ġurnali Ingliżi.

"Wistin, kif kien magħruf, kien raġel kwiet, tal-affari tiegħu, intelliġenti u soċjali ħafna." Matrenza kien ir-rappreżentant tal-għaqda tal-arġentiera, waħda mill-għaqdiet prekursuri tat-trade unions li ġew wara. Ħadem fil-Kumitat Ġenerali tal-Partit Laburista u fis-sotto-kumitati tiegħu imma nħakem minn marda li qerditu erba' snin biss wara t-twaqqif tal-Partit.

### Anton Schembri - Inċiżur - (Valletta, 29 ta' Mejju 1881 – 25 ta' Lulju 1952)

Bniedem kolt li kien jaf sew l-Ingliż, it-Taljan u l-Ispanjol. Siefer ħafna u kien filatelista. "Toni l-inċiżur" tgħallem is-sengħa ta' inċiżur (engraver) mingħand zijuh Midju Vassallo. Kiseb it-tielet post fil-British Empire Wembley Exhibition u rebaħ il-Victoria Medal. Kellu l-ħanut tiegħu "Xehda Naħal" fi Triq San Ġwann, il-Belt u ta' sikwit kienu jiltaqgħu fih dawk li saru l-fundaturi tal-Partit. Filfatt il-ftehim tat-tnissil tal-Camera del Lavoro sar hemm u hemm ukoll iltaqgħu biex marru għand in-Nutar Carbonaro.

Fl-ewwel Kumitat tal-Partit inħatar Assistent Kaxxier u kien hu li ppropona li flok Camera del Lavoro jibda jissejjaħ ukoll Labour Party Club. Schembri kien attiv sew u ġieli kiteb ukoll f' "Il-Ħmar" u bagħtu għalih il-pulizija għax qalu li b'kitbietu kien qed iqajjem il-"mibegħda tal-klassi".

### Giacinto Tua- Prokuratur Legali - (Valletta, 25 ta' Diċembru 1894 – 12 ta' Marzu 1949)

Giacinto Tua kien l-uniku professjonista *fost it-tnax-il* fundatur tal-Partit Laburista. Huwa kien drammaturgu, ħassieb u kittieb. Bin Teodoro u Concetta mwielda Borg, Giacinto studja fil-Liċeo u wara fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa fil-liġi biex sar Prokuratur Legali, u għamel suċċess b'din il-karriera.

F'rapport li Winston Churchill, Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, bagħat lill-Gvernatur Plumer fit-22 ta' Ġunju 1921, lil Giacinto Tua, Mikelanġ Borg u Guliermo Arena sejħilhom "three of the worst agitators in the islands". Mit-tnax-il fundatur tal-Partit dawn it-tlieta biss kienu meqjusa bħala xellugin u Laburisti minn għeruqhom. Wieħed mill-kandidati ewlenin li ħareġ il-Partit Laburista fl-ewwel elezzjoni tal-1921 kien propju Giacinto Tua, l-uniku kandidat li kellu l-Partit fuq is-Sitt Distrett. Tua "kien ħabrieki ferm u affronta sidru għall-elezzjoni f'distrett iebes", iżda ma telax.

Giacinto Tua kiteb fuq għoxrin dramm bit-Taljan, li uħud minnhom inqalbu għall-Malti minn Ivo Muscat Azzopardi u oħrajn għall-Franċiż minn Laurent Ropa. Tua kien waqqaf il-Kumpanija Les Amateurs li ħadmu kemm-il darba fit-Teatru Rjal u l-Manoel u f'teatrini fl-irħula. Kien idoqq ukoll il-vjolin u jkanta tajjeb bħala tenur tant li kien imfittex ferm mill-maestri di cappella għas-servizzi tiegħu. (artiklu dettaljat dwaru xandartu f'It-TORĊA tat-8 ta' Diċembru 2019 f'għeluq il-125 sena minn twelidu)

### Salvu Zammit Hammet - Elettriċista - (Tas-Sliema, 1883 – 20 ta' Awwissu 1940)

Bin Pawlu u Regina mwielda Vella, Salvu ħadem ta' elettriċista f'tarzna fl-Ingilterra fejn kien laħaq chargeman u wara ġie Malta u kompla fl-istess xogħol sakemm fetaħ ħanut tar-ritratti fi Triq ir-Repubblika l-Belt. Kien attiv sew fit-trade unions. Meta fil-bidunett tal-Partit, il-Kurja ħarġet ċirkulari li tat l-ewwel tbeżbiża lil dan il-partit ġdid, Zammit Hammet kien ippropona li tinkiteb ittra lill-Isqof u tixxandar fil-ġurnali.

Fl-1921, Zammit Hammet inħatar biex jirrappreżenta t-Trade Union Council fis-Senat u ressaq diversi mozzjonijiet biex itejbu l-qagħda tal-ħaddiema. Fl-elezzjoni tal-1924, ħareġ għall-Assemblea f'isem il-Partit Laburista u kien elett minn żewġ distretti iżda f'Ottubru ta' dik is-sena tkeċċa mill-Partit wara li vvota mal-gvern immexxi mill-U.P.M. (ta' Panzavecchia).



### Illum

Għaddew 100 sena mit-twaqqif ta' dan l-akbar partit f'Malta. Il-bidu tiegħu kien diffiċli ferm u kellu jgħaddi kwart ta' seklu biex għall-ewwel darba l-poplu jafdah bit-tmexxija tal-pajjiż. Hekk il-Partit Laburista kien fil-gvern tal-pajjiż disa' darbiet minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Jekk tgħodd is-snin kollha, dawn iġibu ftit iktar minn tletin sena.

In-nostalġija tista' ġġiegħlek taħseb li l-fundaturi tal-Partit tal-Ħaddiema ma kellhomx nuqqasijiet.

Imma kif rajna, kien hemm ukoll minn fosthom min "tradixxa" u mar manaħa l-oħra, kien hemm min waqaf jaħdem fil-Partit għal xi raġuni jew oħra, u kien hemm min baqa' jimmilita sal-aħħar nifs ta' ħajtu.

Imma l-ideal jibqa' hemm kif jerġa' joħroġ ċar mill-aħħar Statut tal-Partit Laburista tal-2010: "Il-Partit Laburista huwa organizzazzjoni politika li tiġbor fiha persuni bi ħsieb progressiv, imsejjes fuq prinċipji soċjalisti demokratiċi, li jaħdem għal soċjetà inklussiva li tipprovdi xogħol għal kulħadd, isseħħ il-ġustizzja soċjali, u li s-saħħa tal-istess soċjetà titkejjel mill-progress ta' dawk l-iktar dgħajfa fost il-membri tagħha."

Iktar ma wieħed joqrob lejn dan l-ideal, iktar jiġu rrealizzati l-għanijiet li kellhom dawk it-tnax-il raġel meta ħarġu 25 lira kull wieħed, fil-15 ta' Ottubru ta' 100 sena ilu.